Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 25 ta' Mejju 2023**
**(OR. en)**

**8861/23**

**SOC 279**
**EMPL 191**
**SAN 220**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Irlanda |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**li taħtar membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Irlanda**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

1 ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022[1], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Il-Gvern tal-Irlanda ppreżenta nomina għal post vakanti li għandu jimtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Stat Membru | Membru |
|---|---|
| Irlanda | Is-Sa Adrienne DUFF |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*